MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 5/2004

**Ronnie Gauci.**

**vs.**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant Ronnie Gauci datat 28 ta' Settembu 2004 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni datata 15 ta' Settembru 2004 tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, wara rikors ta' l-appell quddiem l-istess Bord ipprezentat mir-rikorrenti fit-22 ta' April 2002, in segwitu ghall-rifjut tal-permess ghall-izvilupp mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fit-22 ta' Marzu 2002, l-istess Bord cahad l-appell u kkonferma

r-rifjut tal-permess mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess decizjoni.

Illi l-esponent ihoss ruhu aggravat b'din id-decizjoni u permezz tal-prezenti huwa qieghed jinterponi umili appell ghal quddiem din il-Qorti ta' l-Appell mid-decizjoni ta' rifjut fuq imsemmija.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicita' tieghu jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi l-ewwel raguni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ghar-rifjut ta' din l-applikazzjoni kienet illi l-izvilupp propost qieghed f'*Rural Conservation Area* u ghalhekk tali zvilupp ma jaderixxix ma' *Structure Plan Policy* RCO2 li tghid is-segwenti *"no form of urban development will he permitted within Rural Conservation Areas”.* Illi bir-rispett kollu f’din ir-raguni ghar-rifjut taghha l-Awtorita' ma kinitx korretta *stante* li hemm eccezzjonijiet ghal tali regola. Tali eccezzjoni tinsab fil-*Farmhouse and Agricultural Buildings Policy and Design Guidance 3, policy* numru 1.4.4. li tghid is-segwenti: *"Applications for conversions of existing residential farmhouses which would form a new unit of accomodation will not have to satisfy the eligibility criteria in paragaph 1.2.1 or to demonstrate that they are essential to the needs of agriculture... ".* Illi ghalhekk il-permess mitlub mill-appellant lill-Awtorita' jissupera r-raguni ghar-rifjut li tat l-Awtorita' peress li l-permess mitlub mill-applikant jinkwadra ruhu ezattament fit-termini tal--paragrafu 1.4.4 fuq imsemmi u dan *stante* li l-permess mitlub huwa wiehed ghal konverzjoni jew estensjoni ta' zvilupp ga ezistenti u kopert minn permess ta’ l-Awtorita'.

2. Illi t-tielet raguni ghar-rifjut tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp kienet illi l-izvilupp mhuwiex essenzjali ghall-htigijiet ta’ l-agrikoltura ghaliex l-applikant m'ilux mill-inqas sentejn bidwi *full-time* b'mill-inqas 20 tumoli ta' art agrikola fil-vicinanza tas-sit in kwistjoni. Illi bir-rispett kollu anke din ir-raguni hija wahda nfondata *stante* li l-imsemmija regola 1.4.4 imsemmija f’paragrafu numru 1 ta' din in-nota tghid xorta ohra. L-istess jista' jinghad ghar-raba' raguni tar-rifjut ta’ l-Awortita' u cioe` illi

l-applikant mhux *full-time breeder.* Din ir-raguni hija wkoll wahda infondata *stante* li l-paragrafu 1.4.4 *su* citat jezenta lill-applikant mir-regoli Ii jrid ikun *full time farmer* jew *full time breeder* biex ikun jista' japplika ghall-izvilupp propost.

3. Illi fir-rigward tal-hames u s-sitt raguni li tat il-Kummissjoni din ukoll kienet zbaljata. Il-Kummissjoni qalet Illi l-izvilupp propost imur kontra paragrafu 8.2 (iii) ta' *Policy* PLP 20 *stante* li l-izvilupp huwa ta' qies iktar minn $150m^2$. Illi fil-fatt l-estensjoni ta’ l-izvilupp propost hija ta' $112m^2$. Illi dan jista' jigi konstatat kemm mill-pjanti u kemm mill-ittri tal-Perit Hector Zammit, liema ittri gew notifikati lill-Awtorita` qabel ma nhareg ir-rifjut. Illi ghalhekk tali raguni ghar-rifjut ma tregix fil-konfront ta' dan l-izvilupp peress li l-qies huwa inqas minn $150m^2$.

4. Illi s-seba' raguni ghal tali rijfut kienet illi l-zvilupp imur kontra *Policy* RCO4 li tirrigwarda d-disturb tal-vizwali tal-veduta minn zviluppi. Illi tali raguni hija wkoll wahda fattwalment u guridikament inattendibbli. La fid-DPA *Report* u lanqas fir-*reconsideration* ma ssemma xejn dwar l-impatt li jista' jkollu tali zvilupp. Illi kif jixhdu l-istess pjanti u pjan ta' zvilupp wiehed jista' jirrealizza li l-izvilupp fih element qawwi ta' *landscaping u* materjali wzati li jithalltu sew ma’ l-assiem ta’ l-ambjent. Illi l-izvilupp propost bl-ebda mod m'hu se jtellef il-vizwali panoramika jew jiddisturba l-ambjent tal-madwar. Illi *di piu'* diga` gew pjantati hafna sigar ma’ l-izvilupp *de quo* u l-bini huwa cirkondat b'art agrikola li tinhadem mill-applikant u hutu. Illi aktar minn hekk fl-ahhar seduta gie ppruvat li fuq is-sit ta’ l-izvilupp kien jezisti razzett, li kien ghadu intatt u kienet tghix familja fih. Illi l-izvilupp li hemm illum b'ebda mod ma jeccedi l-*footprint* ta' dak li kien hemm qabel. Illi mir-ritratti esebiti jemergi b'mod car l-entita' u x-xorta ta’ l-izvilupp li kien wiehed ghal kollox simili ghal dak ezistenti, anzi, l-izvilupp mertu ta’ l-appell huwa aktar baxx minn dak li kien jezisti qabel. Illi li kieku baqa' l-bini antik ix-xenarju kien certament ikun delapidat. Ghalhekk fic-cirkostanzi ghandhom jigu applikatti l-effetti ta' *Policy* RCO2.

5. Illi rigward ghar-ragunijiet tar-rifjut numri 8 u 9 u cioe` li tali zvilupp mhux permessibbli barra *built up areas,*

tista' ssir referenza ghall-kontenut ta' paragrafu 1 ta' din in-nota peress li dan mhux zvilupp *ex novo* imma estensjoni ta' bini ezistenti kopert b'permess mahrug mill-Awtorita` u cioe` dak bin-Numru PB 105/90.

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal iktar ‘il fuq, l-izvilupp propost jinsab gewwa *hamlet* kompost minn diversi familji ta' bdiewa. Fil-fatt il-*hamlet* ta' dawn ir-residenzi hi maghrufa bhala *Id-Dahar.* Illi l-appellant esebixxa diversi karti ta' l-identita' tal-persuni li jirrisjedu fl-imsemmi *hamlet.* Illi la fir-rifjut originali u lanqas fir-*reconsideration* qatt ma ssemma jew inghata importanza dan il-fatt u dan *cio nonostante* li l-appellant kien gibed l-attenzjoni diversi drabi dwar l-ezistenza ta' dan il-*hamlet.* Illi ghalhekk fir-rifjut taghha l-Awtorita' naqset meta ma kkonsidratx din l-applikazzjoni fl-ambitu ta' *hamlet.* Illi *di piu'* fis-sit mertu ta' din l-applikazzjoni diga` jezistu binjiet ohra, *reservoirs* u *green houses*. Illi wkoll f’dan il- hemm madwar 75 tumulu ta' raba' u kif ukoll razzett tan-naghag.

7. Illi *di piu'* l-Bord ta’ l-Appelli kien skorrett meta qal li dan l-izvilupp jinsab ‘il barra miz-zona ghall-izvilupp gewwa "hamlet" bl-isem "ld-Dahar" limiti tar-Rabat. Dan ma hux minnu u ghandu jemergi car, mill-pjanti u *site plans* li gew esebiti fil-kors tas-smiegh ta’ l-appell, li dan l-izvilupp jigi f’din iz-zona. Jekk dan hu l-kaz, kif fil-fatt jirritjeni l-appellant, allura l-anqas ma hemm il-htiega li l-appellanti jipprova li huwa *"full-time farmer" ai termini* tal-*policy* PLP 20.

8. Illi *di piu'* l-izvilupp li qieghed jigi propost hu minflok iehor li kien jezisti, u l-*"footprint"* hija biss b'mod minimali, jekk xejn, fuq dak li kien hemm qabel. Difatti gew esebiti ritratti f’dan is-sens. Kwindi tali zvilupp huwa accettabbli skond l-istess *policies* ta’ l-Awtorita' kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qieghed umilment jinterponi umili appell mid-decizjoni sudetta u kull decizjoni ohra antecedenti ghall-istess u ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha thassar, tannulla u

tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar sudetta datata 15 ta’ Settembru 2004 u kull decizjoni ohra antecedenti ghall-istess ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u dan billi okkorrendo jekk ikun il-kaz, tordna l-hrug tal-permess kif mitlub mill-appellant fl-applikazzjoni tieghu, bl-ispejjes kollha kontra l-Awtorita' appellata.

Rat id-dokument esebit a fol. 6 sa fol. 19 tal-process;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 4 ta’ Novembru 2004 a fol 21 tal-process fejn esponiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi dan l-appell mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**Artikolu 15 (2)** ta' l-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l Appell (Kompetenza Inferjuri).*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996) kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**, (Qorti ta’ l-Appell – Decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996) fejn gie affermat il-principju li:-

*'Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga` qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu.'*

Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord mhijiex sindakabbli, kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom **Zaren Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 – Qorti ta' l-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cioe` l-**Artikolu 15(2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp)** li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' ditt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta.'*

L-istess insenjament kien ukoll f'sentenza ricenti u *cioe'* **Delicata vs Awtorita' ta' l-Ippjanar** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 2002 – Appell numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretendi li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*'Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrigwardaw fatti u interpretazzjonijiet ta' policies li ma jirrisolvux ruhhom f' punti ta' dritt. Kif diga' ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.'*

Dan il-punt rega' ghal darb' ohra kien ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002) fejn intqal-

*'Illi fil-fehma tal-Qorti fil-kaz 'in ezami' d-decizjoni tal-Bord kienet proprju f' dan is-sens, cioe' li applika l-policies relevanti ghall-fatti li kellu quddiemu, u ghalhekk dan certament ma jikkostitwixxix u ma jammontax ghal decizjoni fuq punt ta' dritt li minnu jista' jsir appell quddiem din il-Qorti skond id-disposizzjoni tal-**kap 356**. Illi l-fatt li fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar jaghmel referenza ghal xi policies jew regolamenti, dan ma jkun fl-ebda mod ifisser li jkun qieghed jiddetermina xi punt ta' dritt. Wara kollox, il-Bord ta' bilfors irid japplika u jibbaza ruhu fuq il-varji dispozizzjonijiet tal-policies u regolamenti relattivi sabiex jiddetermina l-appelli li jkun qieghed jiddetermina, izda huwa biss fl-eventwalita' li fis-sentenza tieghu l-Bord jaghmel valutazzjoni ossija apprezzament ta' xi punt ta' dritt li din il-Qorti tkun tista' tissindika d-decizjoni tieghu. Fil-kaz in ezami, huwa evidenti li dan ma kienx il-kaz, u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.'*

2. Illi, fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jissottometti illi l-permess mitlub mill-appellant lill-Awtorita' jissupera r-raguni ghar-rifjut li tat l-Awtorita' peress li l-permess mitlub mill-applikant jinkwadra ruhu ezattament fit-termini tal-para 1.4.4 u dan *stante* li l-permess mitlub huwa wiehed ghall-konverzjoni jew estensjoni ta' zvilupp ga ezistenti u kopert minn permess ta' l-Awtorita'. Barra minn hekk, l-appellant isostni illi l-estensjoni ta' l-izvilupp propost hija ta' 112m kwadri u ghalhekk ir-raguni li tat il-Kummissjoni illi l-izvilupp imur kontra *paragrafu 8.2 (iii) ta' Policy PLP 20 stante* li l-izvilupp huwa ta' qies aktar minn 150m kwadri, kienet zbaljata. L-appellant, fir-rikors tieghu isemmi sensiela ta' fatti, liema fatti tressqu quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u kien wara li dawn il-fatti gew ezaminati li l-Bord wasal ghad-decizjoni finali tieghu. Il-Bord ta' l-Appell wara li kien anke acceda fuq is-sit in kwistjoni, wasal ghad-decizjoni illi s-sit jinsab 'il barra miz-zona ghall-izvilupp u jikkonsisti f'residenza u garaxx u facilitajiet ancillari ghar-residenza fil-pjan terren li gja

nbnew. Waqt l-access, il-Bord ikkonstata illi s-sit kien jikkonsisti f'bini ta' residenza ricenti u li kienet tifforma parti minn *hamlet.* Kien ghal dawn ir-ragunijiet li l-Bord wasal ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni msemmija mill-appellant kemm quddiem il-Bord ta’ l-Appell u anke issa quddiem din l-Onorabbli Qorti, u *cioe' Policy* Numru 3 tal-*Farmhouses and Agricultural Buildings Policy and Design Guidance* 3, ma tapplikax ghall-kaz in ezami. Kif diga' nghad l-intenzjoni tal-ligi f'dan l-istadju mhux li din l-Onorabbli Qorti terga' tevalwa l-provi li tressqu quddiem il-Bord biex tara hija kinitx tasal ghall-istess konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord, izda sempliciment illi tanalizza decizjonijiet dwar punti ta' ligi, u certament li l-evalwazzjoni tal-provi ma tammontax ghal decizjoni dwar punt ta' ligi.

Illi dwar is-sottomissjoni ta’ l-appellant illi l-izvilupp propost bl-ebda mod mhu ser itellef il-vizwali panoramika jew jiddisturba l-ambjent tal-madwar u anke li gew pjantati hafna sigar ma’ l-izvilupp *de quo*, ghandu jinghad illi dan huwa punt tekniku u ta' fatt li certament huwa izjed kompetenti biex jiddeciedi dwaru l-Bord li huwa kompost *inter alia* minn persuni teknici. Ta' min isemmi wkoll illi l-membri tal-bord kellhom anke l-opportunita' li jaraw is-sit direttament f'access li kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Bord, inzamm fis-16 ta' Ottubru 2002, u ghaldaqstant setghu janalizzaw il-kuntest lokali.

Illi l-appellant jerga' jipprova jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toltrepassa l-gurisdizzjoni taghha u tevalwa mill-gdid il-provi mressqa quddiem il-Bord. Il-Bord iddecieda illi huwa ma jsib l-ebda gustifikazzjoni skond il-*policies* vigenti u lanqas dawk proposti mid-Direttorat, sabiex l-izvilupp propost jigi permess u jaqbel ghalhekk mal-konkluzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp. Il-Bord qal illi s-sit in kwistjoni jinsab 'il barra miz-zona ghall-izvilupp gewwa *‘hamlet'* bl-isem ‘Id-Dahar' limiti tar-Rabat, Malta u jikkonsisti f’residenza u garaxx u facilitajiet ancillari ghar-residenza fil-pjan terren li gja inbnew. Tali evalwazzjoni ghandha tkun wahda finali u dan ghaliex id-decizjoni tal-Bord ma fiha l-ebda investigazzjoni u decizjoni ta' xi punt ta' dritt. Allura, *in*

*vista* tal-premess, huwa ferm difficli li wiehed jista' jeskogita mottiv ta' appell minn din id-decizjoni lil din il-Qorti.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-appell interpost mill-appellant Ronnie Gauci u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tal-15 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet “Ronnie Gauci kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 21 ta’ Frar 2005 a fol. 26 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet “Ronnie Gauci vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-27 ta’ April 2005 u tat-3 ta’ Novembru 2005 fejn meta ssejjah l-Appell deher Dr.Toni Abela ghall-appellant. Dr. Claire Zammit Stafrace ghas-socjeta` apellata u Juan Buttigieg bhala rapprezentant tas-socjeta appellata. Toni Abela talab li jigi allegat il-*file* PA 3122/96. Dr. Claire Zammit Stafrace irrimettiet ruhha u l-Qorti laqghet it-talba. Dr. Toni Abela talab differiment biex jikkonsulta ruhu ma’ l-stess *file* imsemmi. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta’ Marzu 2006.

Rat in-nota ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 21 ta’ Novembru 2005 (fol.31) li biha in ottemperanza mal-verbal tat-3 ta’ Novembru 2005, esebixxa *animo ritrandi* l-*file* PA 3122/96 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta’ Marzu 2006; tal-11 ta’ Mejju; u tal-5 ta’ Ottubru 2006 fejn prezenti kien hemm Dr.Claire Stafrace Zammit ghall-Awtorita` appellata u Dr.Toni Abela ghall-appellant. Id-difensuri trattaw il-kaz u

l-Appell gie differit ghas-sentenza ghas-7 ta’ Dicembru 2006 b’dan li Dr. Toni Abela ghandu jaghmel nota ta’ referenzi fi zmien hmistax-il gurnata (15) minn din is-seduta b’kopja lill-kontro-parti li jkollha hmistax-il gurnata (15) biex tipprezenta nota ta’ referenzi.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 16 ta’ Ottubru 2006 bil-*visto* tad-difensur tal-kontroparti.

Rat in-nota ta’ l-Awtorita` appellata tal-20 ta’ Novembru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan il-kaz jittratta dwar applikazzjoni sabiex jigi sanzjonat *“bini ta’ basement konsistenti f’garage, games room, & shower and a dwelling at ground floor level”* (residenza sovrastanti) kif jidher mill-applikazzjoni datata 8 ta’ Mejju 1996 (P.A. 3122/96), liema kostruzzjoni tinsab esebita fil-*file* relattiv ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar bhala Dok. “2G”. Illi din l-applikazzjoni giet rifjutata fl-1 ta’ Dicembru 2000, u wara talba ghall-rikonsiderazzjoni, din ukoll giet rifjutata fit-22 ta’ Marzu 2002. Wara dan sar appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datat 22 ta’ April 2002 u l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar f’decizjoni tieghu datata 15 ta’ Settembru 2004 rega’ rrifjuta l-istess permess ghar-ragunijiet indikati fl-istess decizjoni li a skans ta’ ripetezzjoni qed issir riferenza ghaliha.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghall-aggravji ta’ l-appellant u din il-Qorti tirrileva li l-istess aggravji huma simili hafna, jekk mhux identici, ghas-sottomissjonijiet li ghamel l-appellanti quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u hawn il-Qorti qed tirreferi kemm ghat-talba ta’ l-appell li saret mill-appellanti quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, li kif gja nghad hija datata 22 ta’ April 2004, kif ukoll ghan-nota ta’ sottomissjonijiet li saret mill-istess

appellanti quddiem l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 9 ta' Marzu 2004, tali nota ta' osservazzjonijiet iffirmata mill-abbli difensur tal-appellant Dr. Toni Abela.

Illi fil-fatt jigi nnutat li dak li gie sottomess mill-appellanti fl-istess nota gie kollu kemm huwa trattat mill-Bord ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza taghha tal-15 ta' Settembru 2004, kif jdher car mill-istess sentenzi, u hawn allura jidhol il-punt jekk dan l-appell huwa permessibbi quddiem din il-Qorti u dan peress li l-istess appell quddiem din il-Qorti jista' jsir biss fuq punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appell u dan skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fil-fatt din hija l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' appellanti li ssib il-bazi taghha fuq is**-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 tal-Att tal-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** li jaqra hekk:-

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Muscat vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) - Appell Numru 7/2001) deciza fis-27 ta' Ottubru, 2003 qalet illi:

*"Din id-disposizzjoni tal-ligi tistabbilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza taghha **"Emanuel Mifsud vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq*

*kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi dan huwa konformi ma' dak li nghad fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 fejn inghad illi:-

*"Jrid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992, hija wahda limitata hafna.* Dan *billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni".*

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"George Micallef vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C (RCP) – 29 ta' April 2004) ikkonfermat ghal draba ohra li:-

*"Din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrevedi dawn il-konkluzjonijiet teknici milhuqa mill-Bord, ghaliex billi dawn jinvolvu apprezzament ta' provi hafna drabi ta' natura teknika, apparti li kwistjonijiet dwar fatt ma humiex appellabbli u allura mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Wara kollox, il-Bord gie mwaqqaf proprju biex jirrevedi d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar primarjament fuq dan l-aspett tekniku. Kif rajna diga', l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal revizjoni tad-decizjonijiet tal-Bord in kwantu biss fihom ikun hemm xi punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-istess Bord. (Vide **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** [Appell Numru 213/99] deciza fid-19 ta' Novembru 2001)"**.***

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs l-Awtorita' ta' l-Ippjannar"** deciza fil-24 ta' April 1996, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, intqal illi:-

*"Jista' biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt*

*decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi nnotat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell – Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi".*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996, mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell numru 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:-

*"irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-**sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992**, hija wahda limitata hafna. Dan billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjoni … Illi* dan *billi l-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghal kaz partikolari. Tali interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali interpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti, m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikhom jew tiddisturbahom, sakemm*

*ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni”;*

Illi dan il-principju, jigifieri li l-applikazzjoni tal-*policies* ghall-kaz in ezami maghmula mill-Bord mhijiex sindakabbli minn din il-Qorti kien ikkonfermat regolarment mill-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, fosthom fil-kaz fl-ismijiet **“Zaren Camilleri vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** deciza fit-28 ta’ Frar 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fejn l-istess Onorabbli Qorti qalet illi:-

*“Johrog car minn din id-dispozizzjoni, u cioe’ l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp** li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta’ fatt. U biex appell fuq punt ta’ dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta’ dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici enuncjazzjoni ta’ xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta’ dritt li holqot vertenza jew diskussjoni li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta”.*

Illi l-istess insenjament kien ikkonfermat fis-sentenza **“Delicata vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Mejju 2002, (Appell numru 165/97) fejn l-istess Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta’ sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u jippretendi li din il-Qorti ta’ l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F’din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*“Evidentement din il-Qorti m’ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li saru mill-appellant jirrgwardaw fatti u interpretazzjonijiet ta’ policies li ma jirrisolvux ruhhom f’punti ta’ dritt. Kif diga’ ntqal il-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti f’dawn l-appelli*

*statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostiwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti";*

Illi hawn issir referenza ghal dak li inghad fis-sentenza **"Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar'** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2002) fejn inghad:-

*"Illi fil-fehma tal-Qorti fil-kaz 'in ezami' d-decizjoni tal-Bord kienet proprju f'dan is-sens, cioe' li applika l-policies relevanti ghall-fatti li kellu quddiemu, u ghalhekk dan certament ma jikkostitwixxix u ma jammontax ghal decizjoni fuq punt ta' dritt li minnu jista' jsir appell quddiem din l-Qorti skond id-disposizzjoni tal-**Kap 356"**.*

*"Illi l-fatt li fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appell tal-Ippjanar jaghmel referenza ghal xi policies jew regolamenti, dan ma jkun fl-ebda mod ifisser li jkun qieghed jiddetermina xi punt ta' dritt. Wara kollox, il-Bord ta' bilfors irid japplika u jibbaza ruhu fuq il-varji dispozizzjonijiet tal-policies u regolamenti relattivi sabiex jiddetermina l-appelli li jkun qieghed jiddetermina, izda huwa biss fl-eventwalita' li fis-sentenza tieghu l-Bord jaghmel valutazzjoni ossija apprezzament ta' xi punt ta' dritt li din l-Qorti tkun tista'* tissindika d-decizjoni tieghu. *Fil-kaz in ezami, huwa evidenti li dan ma kienx il-kaz, u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud".*

Illi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat l-aggravji kollha ta' l-appellanti dak huwa ezatt li gara f'dan il-kaz fejn jidher car li l-istess Bord ta' l-Appell applika l-*policies* vigenti ghall-kaz in ezami, inkluz fejn gew applikati l-*Policy & Design Guidance dwar Farmhouses and Agricultural Buildings* u gie kkonstatat li l-kriterji stabbiliti fl-istess *policies* ma kienux japplikaw ghall-kaz in ezami anke peress li l-applikant la kien *full time farmer* u lanqas *full time registered breeder* .

Illi dwar l-aggravju li l-paragrafu 1.2.1 tal-imsemmija *policies* gie applikat hazin peress li l-appellant ikkontenda

li hawn kien japplika l-paragrafu 1.4.4. tal-istess, fejn dawn il-kriterji ma humiex necessarji f'kazijiet ta' *"applications for conversions or extensions of existing residential farmhouses which would form a new unit of accomodation…"* dan ukoll gie trattat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, (bhal ma ghamlu qabblu l-organi l-ohra ta' l-Awtorita' appellata qabel) u gie kkonstatat li l-kaz in ezami ma kienx jittratta dwar estensjoni jew konversjoni ta' zvilupp gja ezistenti, izda ta' sanzjonar ta' residenza gdida b'*basement* tahtha b'*garage* u ambjenti ohra residenzjali tant li nghad li:-

*"Thus any references related to extensions or conversions of existing residential farmhouses, quoted by the appellant are irrelevant since the proposed development is not an extension but the sanctioning of a new dwelling with the underlying basement housing a garage and other residential amenities".*

Illi certament li dawn huma konsiderazzjoni ta' fatt, li din il-Qorti thoss li huma fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u certament li f'dan il-kuntest din il-Qorti ma tista' u ma ghandha tghid xejn ghaliex lanqas biss hija fil-kompetenza taghha, meta huwa car li hawn wiehed qed jitratta kaz ta' fatt, evalwazzjoni ta' l-istess u applikazzjoni ta' *policies* li japplikaw ghall-kaz in ezami; *policies* li gew applikati korrettament u certament ma hemm ebda pronunzjament ta' ligi dwar l-istess. Illi f'dan il-kuntest l-ewwel u t-tieni aggravju ta' l-appellat qed jigu michuda.

Illi it-tielet aggravju jirreferi ghall-applikazzjoni tal-*Policy PLP 20* f'paragrafu 8.2. (iii) fejn qed jinghad li din tapplika ghal zvilupp li ma jecceddix il-150 metru kwadru, izda l-istess Bord ikkonstata li dan l-izvilupp kien jeccedi tali dimensjonijiet tant li jinghad li l-istess zvilupp huwa f'zewg livelli u hawn issir riferenza ghal dak li ntqal fl-istess sentenza f'dak li huwa *"site profile"* u fil-kummenti tad-Direttorat u partikolarment dawk f'paragrafi 3.3 ta' l-istess decizjoni, u ghal dak li ntqal espressament mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'pagna 14 ta' l-istess sentenza u senjatament li *"jigi nnutat illi r-residenza hija*

*oltre 150mk…..”.* Dan ukoll huwa punt ta’ fatt u certament li ma jaqax taht il-parametri ta’ l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi l-istess jista’ jinghad dwar ir-raba’ aggravju, fejn l-istess rikorrenti jikkontendi li d-decizjoni tal-Bord li tali zvilupp imur kontra il-*Policy RCO 4 ,* huwa ta’ disturb tal-vizwali u veduta, u dan peress li din hija konsiderazzjoni teknika u fattwali u dan iktar u iktar meta wiehed qed jitkellem fi zvilupp barra miz-zona ta’ zvilupp u *f’rural conservation area.*

Illi dwar il-hames aggravju dan ukoll ghandu jigi michud, kif gew michuda l-ewwel u t-tieni aggravji, u dan peress li gja nghad li l-kaz in ezami ma kienx jittratta dwar estensjoni jew konversjoni ta’ zvilupp gja ezistenti, izda ta’ sanzjonar ta’ residenza gdida b*’basement* tahtha b’*garage* u ambjenti ohra residenzjali, u din l-evalwazzjoni hija punt ta’ fatt.

Illi dwar is-sottomissjoni li dan l-izvilupp kien jaghmel parti minn *hamlet* u fejn qed jinghad li l-istess Bord ta’ l-Appell dan ma kkonsidrahx, dan huwa manifestament zbaljat ghaliex fl-istess decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jidher li dan ittiehed sew in konsiderazzjoni kif jidher car minn pagna 14 u 15 ta’ l-istess decizjoni u apparti, li dan huwa punt ta’ fatt, l-istess Bord ta’ l-Appell ta r-ragunijiet tieghu specifici ghall-istess tali zvilupp ma kellux jigi permess, mhux l-inqas minhabba l-estensjoni tieghu; dan ma jbiddel xejn lanqas mill-posizzjoni ta’ l-appellant, li hawn ukoll qed jitrattta dwar punt ta’ fatt, iktar u iktar meta huwa car mill-istess decizjoni li l-istess Bord ha konjizzjoni, ikkonsidra u tratta s-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti f’dan ir-rigward u wasal ghad-decizjoni tieghu b’sentenza ben motivata u wkoll in rispett tal-principju *“cerimus paribus”.* L-istess jista’ jinghad ghas-seba’ u t-tmien aggravji, li huma kollha lmenti ta’ natura fattwali.

Illi dan huwa bizzejjed sabiex dan l-appell jigi michud ghaliex mhux permessibbli skond il-ligi quddiem din il-Qorti, u f’dan il-kaz dan huwa iktar gravi meta jidher li l-ilmenti fattwali kienu kollha gew sottomessi u trattati mill-

appellanti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u din il-Qorti certament ma hijiex hawn sabiex terga tezamina l-aggravji ta' l-appellanti fuq punt ta' fatt u dan ghaliex dan jesorbita mill-kompetenza taghha u hawn il-Qorti tirrferi ghal dak li nghad ukoll fis-sentenza **"Vincent George Delicata f'isem Ataciled Enterprises vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 2002).

Illi f'dan il-kaz jidher car mill-istess decizjoni li kull ma' ghamel l-istess Bord ta' l-Appell fl-istess decizjoni kien biss li applika l-*policies* vigenti ghall-kaz partikolari quddiemu; fil-fatt jidher li l-istess Bord ha in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha ta' l-istess appellanti u applika l-*policies* ezistenti ghall-istess, u fil-fatt ta r-ragunijiet tieghu ghaliex l-istess zvilupp ma jistax ikun permess, u dan fil-kompetenza esklussiva tieghu. In-nota tar-rikorrenti u r-referenza ghal decizjonijiet hemm indikati tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjannar ma huma xejn hlief l-applikazzjoni *da parte* ta' l-istess Bord ta' l-Appelli tal-*policies* ghall-fatti f'kull kaz, li skond il-ligi huma fil-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjannar u *in vista* ta' dak hawn deciz huwa kkonfermat.

Illi ghalhekk l-appell tar-rikorrenti qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kontenuti fir-risposta taghha tal-4 ta' Novembru 2004, ibbazata fuq id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** u **tichad l-appell** interpost mill-appellanti Ronnie Gauci fir-rikors ta' l-appell tieghu tat-28 ta' Settembru 2004, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Ronnie Gauci vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (PAB 137/02/TSC) tal-15 ta' Settembru 2004.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti appellant Ronnie Gauci.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------